# IMHABBA, HAQQ U MEWT

Ta' Karmenu Vassallo *(Alpha u Omega)*

*Lil P. Val. V. Barbara, O.P.*
*b'xhieda ta' mħabba u għożża.*

Kienu żewġt iqlub magħżula:
hu għail-għana w hi għad-daqq.
Kulħadd feraħ b'għarusithom.
Kulħadd bkiehom f'jum il-ħaqq.

* * *

Hfief, qabbieża fuq il-pjanu
ġrew subgħajha sbieħ, ħelwin
daqs id-daqqa li dwiet minnu
b'għaġeb kbir tal-mistednin;
Imma l-aktar tal-poeta
li raha hekk miġbuda lejh
u li kien ħalfilha mħabbtu
b'dawl ix-xtar ta' ħbub għajnejh.

* * *

Siktu l-ilħna u sliem il-qniepen.
Twaħħdu, ittewmu l-lejl u n-nhar.
Għosfru l-għors u d-daqq u l-għana.
Ħemdu t-toroq, romlu d-djar.

Dewdu s-sema isqra qerrieda.
Fetħet l-art ħluq ta' nirien.
It-tiġrif u l-qerda u l-ħerba
keffnu u qabbru kullimkien.

* * *

"Alla, Dinna w Art Twelidna",
kien jgħidilha ta' sikwit,
"eqdes, egħżeż w aqwa minna:
"ta' mħabbitna jisbqu r-rbit.

"Min għal dawn iħalli ħajtu,
"wara mewtu jgħix bla tmiem!
"X'qatt jisweWna d-daqq u l-għana,
"bla ħelsien u mingħajr sliem?"

* * *

F'sala kbira kollha sodod
b'nies midruba fit-taqbid,
bl-isqfa nieżla ma' ħitanhom
b'xita tikwi ta' ħadid,

hemm iddur tfajla daqqaqa,
hemm miġruħ żagħżugħ għannej:
tagħ'rfu x-xbejba... trid teħilsu...
iżda mgħannqa jmutu t-tnej'.

* * *

Kienu żewġt iqlub magħżula:
hu għall-għana w hi għad-daqq.
Kulħadd feraħ b'għarusithom.
Kulħadd bkiehom f'jum il-ħaqq.

6. 6. 43.